# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU: 2562

**Kaz Numru : 2595/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Publius Davison**

**u**

**De La Rue Currency and Security Print Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M. Qual, B.A., P.G.C.E.**

**It-Tlieta 20 ta' Novembru 2018**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali minn Publius Davison fit-2 ta' Lulju 2008 fejn huwa allega tkeccija ngusta mill-impjieg li kien jokkupa bhala security guard mas-socjeta' ntimata De la Rue, minhabba incident zghir, minkejja s-snin twal li kien jahdem mas-socjeta'. Wara s-sentenza li ta t-Tribunal fl-4 ta' Gunju 2012, fejn it-Tribunal ta ragun lis-socjeta', il-kaz mar quddiem il-Qorti ta' l-Appell u fid-decizjoni taghha fis-27 ta' April 2016 laqat l-Appell u rega nbaghat quddiem it-Tribunal. It-Tribunal bid-decizjoni li ta fil-15 ta' Dicembru 2016, ta kumpens ta' tmintax-il elf ewro lir-rikorrent. Dan ta' l-ahhar rega appella u l-Qorti tal-Appell b'decizjoni li tat nhar 23 ta' April 2018, laqat l-Appell u regghet baghtet il-kaz quddiem it-Tribunal ghax mhuwiex il-kompitu taghha li tillikwida u taghti danni sofferti lir-rikorrent. Ghaldaqstant dan il-kaz qed jerga jidher quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

### Rapprezentanza

Publius Davison li minn issa l-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Robert Abela

De La Rue Currency and Security li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata, kienet irraprezentata mill-Avukat Andrew Borg Cardona

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali minn Publius Davison fit-2 ta' Lulju 2008 fejn huwa allega tkeccija ngusta mill-impjieg li kien jokkupa bhala security guard mas-socjeta' ntimata De la Rue, minhabba incident zghir minkejja s-snin twal li kien jahdem mas-socjeta'. Huwa jghid li ha mieghu fuq ix-xoghol plakka li tkissritlu biex kif ikollu ftit hin liberu jsewwiha. Darba qabad stoccc kolla tax-xoghol stess u poggih fil-but (vizibbli fuq quddiem ta' qmis bajda), biex kif ilesti hidmietu jsewwi l-plakka. Ghal xi hin kien qed idur mal-fabbrika bih fil-but u gie avvicinat minn ufficjal tal-kumpanija u akkuzawh li ha dan l-istocc.

B'decizjoni moghtija fl-4 ta Gunju 2012, it-Tribunal Industrijali ddikjara li s-socjeta' kienet gustifikata li tkecci lil Publius Davison mix-xoghol tieghu. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza u lmenta li l-provi li gab it-Tribunal ma kienux bizzejjed biex jiggustifikaw it-terminazzjoni u kien hemm sporporzjonalita' bejn l-ghagir u l-piena.

Permezz ta' decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 2016, l-appell gie milqugh u l-Qorti ghamlitha cara li bl-ebda mod ma tapprova n-nuqqas tal-appellant izda qieset li m'hemmx proporzjonalita' bejn l-incident u t-tkeccija tal-appellant tant illi sahansitra t-tribunal stess kien irrikonoxxa "…illi huwa minnu li dan mhuwiex kaz ta' certa gravita' enpormi". Il-Qorti ghaldaqstant irrevokat is-sentenza u filwaqt li ddecidiet li t-tkeccija tal-appellant mill-impjieg kienet wahda ngusta u mhux skont il-ligi, ordnat li l-atti jintbaghtu lura lit-Tribunal sabiex jaghti rimedju skond il-ligi. B'decizjoni moghtija fil-15 ta' Dicembru 2016, it-Tribunal ordna lis-socjeta' biex taghti kumpens lir-rikorrent ta' tmintax-il elf Ewro ( 18,000).

Huwa appella minn din is-sentenza u qal li t-Tribunal fajjar somma minghajr ma ta spjega kif wasal ghaliha.

B'decizjoni moghtija fit-23 ta' April 2018, mill-Qorti tal-Appell, l-appell gie milqugh. Il-Qorti qieset il-punt legali tal-Appell fejn iddikjarat li "Il-Ligi trid li t-Tribunal jqis d-danni reali u telfien iehor meta jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens u ma tghidx li l-kumpens ghandu "jikkonsisti fl-ekwivalenti ghad-danni reali" ( u telfien iehor).
Fid-decizjoni ta' dan l-appell il-Qorti elenkat u tat dettalji tas-somma li jippretendi r-rikorrent u waslet ghalihom billi qieset dan li gej:

i) Telf ta' salarju sakemm sab impjieg iehor, valur ta' €1,747.03. Skont id-dokumenti tal-ETC, ir-rikorrent tkecca mill-intimata fid-19.06.2008 u beda fl-impjieg gdid fil-14.07.2008. Dan ifisser li r-rikorrent dam tliet gimghat qieghed sakemm sab impjieg alternattiv. L-appellant xehed li kien jaghmel qrib it-Lm13,000 fis-sena mal-intimata fi zmien meta tkecca. Konvertita f'ewro din is-somma tekwivali ghal €30,281.85. Isegwi li s-salarju ghal tliet gimghat kien ta' bejn wiehed u iehor €1,747.03
ii) Id-differenza bejn is-salarji tal-impjieg li kellu u dak li sab, jammonta ghal €73,127.4. Jikkontendi li d-differenza bejn is-salarju li kellu mal-appellanti hu s-salarju li kien jippercipixxi mill-impjieg li sab wara li tkecca kien ta' €18,281.85

(€30,281.85 – €12,000) fis-sena. Ir-rikorrent jippretendi d-differenza bejn iz-zewg pagi ghal erba’ snin, jigifieri sad-data tal-irtirar, li skont dawn il-figuri tammonta ghal €73,127.4.

iii) Telf ta’ beneficcju ghat-tmiem tal-impjieg li kien intitolat ghalih meta jirtira minn mas-socjeta’ appellata, ivarja bejn €13,976.24 u €16,305.61
Ir-rikorrent xehed li kieku ma tkecciex kien jikkwalifika ghal beneficcju tat-tmiem tal-impjieg ta’ bejn Lm6,000 (€ 13,976.24) u Lm 7,000 (€16,305.61). Mill-atti ma jirrizultax kif kien jinhadem dan il-beneficcju izda dawn ic-cifri ma gewx ikkontestati.

Il-Qorti tal-Appell hi tal-fehma li ma kien hemm xejn li jzomm lit-Tribunal li jitlob lill-partijiet biex iressqu aktar provi dwar il-kumpens. Il-Qorti tal-Appell f’din l-istess decizjoni qalet li “ma tara l-ebda raguni ghalfejn kazijiet ta’ tkeccija ngusta ghandhom jigu trattati b’mod differenti minn kazijiet ohra fejn l-attur ikollu jedd jippretendi d-danni.” Il-Qorti sahqet li allura “ghandu jedd jippretendi t-telf li sofra”.

**Sintesi tat-trattazzjoni tal-kaz**

**Dr. Robert Abela** ghan-nom tar-rikorrenti qal li r-raguni l-ghala keccewh ghadha mhix qed tinftiehem u x’inhi l-gravita’ ghax ma kien hemm l-ebda serq. Huwa qal li l-ewwel Tribunal iddecieda li kienet gustifikata t-tkeccija, u appellaw minn naha taghhom. Qal ukoll li l-Qorti tal-Appell tathom ragun u baghtet l-atti lura biex jillikwida l-kumpens u dan ta’ tmintax –il elf ewro li bl-ebda mod ma jirrispekjaw id-danni vera illi soffra r-rikorrent u l-Qorti tal-Appell tathom ragun. Dr. Abela enfasizza li din is-sentenza hija ground breaking u l-ewwel darba ta’ din ix-xorta, fejn gie stabbilit il-principju li d-danni li jaghti t-Tribunal Industrijali huma d-danni reali. Huwa elenka wkoll kif il-Qorti qieset liema fil-fatt kienu d-danni reali billi hadmet il-figuri kif ipprezentati mir-rikorrent fil-kaz odjern. Huwa semma wkoll kif il-Qorti tal-Appell irreferit ghal-ligi li tghid li t-Tribunal ghandu jikkonsidra *danni reali* u mhux *danni ekwivalenti.*

Dr. Andrew Borg Cardona ghan-nom tas-Socjeta’ntimata qal li dan il-kaz ilu gej u sejjer bejn it-Tribunal u l-Qorti ta’ l-Appell. Dr. Borg Cardona qal li hu sottomess illi ddur fejn iddur, l-appellant kella hafna x’jahti ghal dak li garrab, specjalment tenut kont illi d-De La Rue, bilfors u minghajr ekwivoku trid tkun bilfors “zero tolerance environment”. Huwa kompla billi qal li l-Ligi tipprovdi illi ghal dak li jirrigwardja l-kumpens it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra inkluzi l-eta’ u snajja tal-haddiem. Is-socjeta’ hija tal-fehma illi kieku l-legislatur kellu f’mohhu illi jaghti direzzjoni inekwivoka lit-Tribunal, illi kellu jaghmel ezercizzju aritmatiku, kif wiehed jista jghid qed jippretendi l-appellant, kien jaghmel dan u mhux jaghti direzzjoni generika li thalli lit-Tribunal jaghmel apprezzament realistiku tac-cirkostanzi, inkluzi dawk ta’ kontributorjeta’ li ghalihom diga saret referenza.

## Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal qed jigi mitlub mill-Qorti tal-Appell biex jillikwida d-danni li gie ppruvat li sofra l-appellant, liema likwidazzjoni ta’ danni trid tkun tirrifletti danni reali u mhux danni ekwivalenti, kif diga inaghad f’sentenza ohra tat-Tribunal Industrijali iehor.

Tenut Kont ta' fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz cioe:

Li r-rikorrent diga nghata ragun li sofra tkeccija ngusta minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fis-27 t' April 2016 li rrevokat sentenza tat-Tribunal mmoghtija fl-4 ta' Gunju 2012.

Li b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell f'decizjoni ulterjuri li nghatat fit-23 t' April 2018, ir-rikorrent inghata ragun li s-sentenza li tah it-Tribunal fil-15 ta' Dicembru 2016 u l-kumpens li nghata f'dik is-sentenza, kumpens ta' tmintax –il elf ewro, ma jirriflettux il-vera danni reali izda huma bazati fuq danni ekwivalenti.

## DECIZJONI

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li kif qal tajjeb il-Qorti ta' l-Appell, li ma hemm ebda raguni ghala persuna li tkun sofriet tkeccija ngusta m'ghandix tigi kkumpensata b'likwidazzjoni ta' danni reali sofferiti u mhux danni ekwivalenti. Dan it-Tribunal huwa ukoll tal-fehma li jaghmel sew ir-rikorrent li: "jippretendi kumpens gust bhal ma jaghmel kull attur iehor li jkun sofra danni." Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jillikwida danni reali sofferti mir-rikorrent kif migjuba fil-provi, li jammontaw ghas-somma ta' disghin elf, tliet mija u erba' u sebghin ewro, u tlieta u erbghin centezmu (€90,374.43). Din is-somma ghandha tithallas fi zmien xahar minn din id-data.

Ghall-finijiet ta' l-avviz Legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax -il centezmu (€ 93.17)

B'Hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmata)**
**Doreen Parnis**

**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**

**Ghas-Segretarju**